MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 906/1999/1

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Assurance PLC., kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Roberta Warrington u l-istess Roberta Warrington f'isimha.**

**Vs**

**Gaetano Refalo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundanant li jhallas is-somma komplessiva ta' Lm355 (tliet mija u hamsa u hamsin lira) kwantu ghal Lm330 (tliet mija u tletin lira Maltin) danni mhallsa mill-attur fuq vettura O-3590, assigurata comprehensive hlief ghal Lm25 (hamsa

u ghoxrin lira) “excess” u ghal liema somma l-attur jinsab surrogat fid-dritttijiet ta’ Roberta Warrington u kwantu ghal Lm25 “excess” imhallsa minn Roberta Warrington u dan kollu b’rizultat ta’ habta li grat fis-17 ta’ Lulju 1997 gol-Marsa meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Y-2025 habat mal-vettura O-3590 misjuqa minn Roberta Warrington u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Jannar 1999 u l-imghax tat-8% fuq Lm355 mid-data tal-avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjes tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz kontra Omnibus Pool, assiguratur tal-konvenut.

Rat dak li gie verbalizzat u eccepit mill-konvenut a fol 6 tal-atti minn fejn jirrisulta li l-konvenut, permezz tal-Avukat Difensur tieghu kien iddikjara li hu kien responsabbli ghal dan l-incident izda <u>kkontesta l-ammont ta’ danni</u> pretiz mill-istess socjeta attrici nomine et.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza hi limitata biss u rigward l-ammont ta’ danni li ghandhom jigu likwidati, mill-istess Qorti u mhallsa mill-konvenut. Difatti <u>l-konvenut</u> kemm permezz ta’ dak verbalizzat mill-Avukat Difensur tieghu kif hawn fuq premess, kemm meta xehed (fol 25 u fol 26 tal-atti) ammetta li l-incident in esami “…<u>kien it-tort tieghi</u>”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, pero’, l-konvenut qed jikkontesta l-ammont pretiz fl-avviz in esami, bhala l-istima attwali ta’ danni, li ghandhom jithallsu minnu. Difatti, il-konvenut jsostni li, fuq il-post tal-incident, “… kien sar ftehim li jien niehu l-vettura l-ohra … ghand it-tellar tieghi” waqt li zied “… li jekk ma nirrangwax ninfurmaw lill-Pulizija ….”. Filfatt, il-konvenut kompla jixhed li fit-18 ta’ Lulju 1997, hu u l-attrici kienu iltaqghu ghand <u>Silvio Balzan</u> … “it-tellar tieghu”

Dan tal-ahhar ghamel stima “ta’ kollox”, “…. Ibbukjali ukoll” u “… irranga mieghi”. Dwar dan il-konvenut enfasizza li “Sid il-vettura l-ohra accetta din l-istima “(ammontanti ghal Lm100 u xi haga fuqha)” u ghalhekk haseb li kollox kien gie miftiehem finalment. Pero wara, madwar, sena’ jew sena u nofs, il-konvenut kien ircieva kont waqt li t-tellar msemmi kien ikkonferma li “…. L-iehor ma kienx gie”. L-istess <u>Silvio Balzan</u> (fol 27 et seq ibid) ikkonferma li sid il-vettura numru EAL 505 tal-marka “Renault Cleo” kien accetta l-istima maghmula minnu u ammontanti ghal Lm150 inkluz xoghol ta’ spray in konferma ta’ dan kien esebixxa fl-atti, id-dokument a fol 29 tal-atti iffirmata minn John Refalo ossija “… mill-imghallem tieghu” (tax-xhud). L-istess xhud ikkonferma li dan ix-xoghol ma kienx sar.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, pero, <u>L-avukat Dottor Renato Cefai</u> xehed (a fol 9 et seq ibid) li l-ammont ta’ danni involuti f’dan il-kaz ,kien Lm354.80,0 stmat a bazi ta’ “survey report”. In sostenn ta’ dan esebixxa d-dokumenti li jinsabu annessi mal-istess atti minn fol 11 sa fol 18 ibid liema dokumenti jikkonsistu f’rendikont tal-istess spejjes kif ukoll ircevuti in konnessjoni mal-kont ta’ “<u>spray</u>” (Lm75) ta’ “<u>panel beating</u>” (Lm75), ta’ <u>kiri ta’ karozza</u> bejn l-1 ta‘ Ottubru 1997 u s-6 ta’ Ottubru 1997 , ta’ <u>“spare parts”</u> (b’kollox Lm170.80,0), ta’ <u>“survey report</u>” (Lm10) u ta’ kopja tar-<u>rapport tal-Pulizija</u> (fol 3).

Illi wara li l-Qorti qieset illi:-

a. l-attrici, Roberta Warrington, ma iffirmatx id-dokument a fol 29 tal-atti u li gie esebit miill-imsemmi Silvio Balzan. Dan id-dokument ma jistax jigi konsiderat bhala ftehim skond il-ligi izda sempliciment <u>dikjarazzjoni</u> li ggib id-data tal-<u>14 ta’ Lulju 1998 cjoe, kwazi sena’ wara</u>, l-incident in esami u ffirmata minn John Refalo, l-imghallem tal-istess xhud. A basi tal-istess dokument, ma jistax, ghalhekk jinghad li b’xi mod, l-attrici accettat dak li allega l-konvenut, kif hemm fuq premess.

b. Is-socjeta attrici nomine, <u>hallset il-hsarat kollha</u>, hlief Lm25 imhallas bhala “excess mill-attrici, u dan kif risultanti mid-dokumenti esebiti minn Dottor Renato Cefai. Wara li gew meqjusa l-ircevuti kollha flimkien mas-“survey report” imsemmi, l-ammont mitlub fl-avviz jidher li hu dovut mill-konvenut li, da parti tieghu, ma gab ebda prova li fuqha tista’ tistrieh l-istess Qorti u dan sabiex jipprova li s-socjeta’ attrici nomine ma minimizzatx l-ispejjes sabiex tigi riparata l-hsara fil-karozza uzata mill-istess attrici, liema spejjes ma jidhrux eccessivi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti skond kif hemm specifikat fl-avviz in esami.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala responsabbli ghall-incident in esami;

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm355.00,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm330.00,0 u lill-attrici, Roberta Warrington is-somma ta’ Lm25.00,0 b’kollox Lm355.00,0 bl-imghax legali mill-17 ta’ Gunju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Jannar 1999.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------